~~ukoll statwa ta' Venere u biċċa statwa oħra li x'aktarx kienet tirrappreżenta lil Adone. Dan il-kxif arkeoloġiku juri biċ-ċar li Għajn Karem kienet sa minn żmien il-qedem imgħammra.~~

~~Illum ħafna mid-djar ta' Għajn Karem jinsabu mġarrfa u abbandunati, ħtija tal-gwerer bejn il-Lhud u l-Għarab. Dawn ta' l-aħħar ħarbu quddiem l-avanzata Lhudija, abbandunaw djarhom u sal-lum għadhom igħixu f'kampijiet kbar, min fil-Ġurdan u min fis-Sirja. Din hija waħda mill-kwistjonijiet kbar li ħalliet warajha l-gwerra. Hija l-kwistjoni tar-rifuġjati Għarab. Jalla wkoll hawn f'din l-art qaddisa li rat it-twelid tal-Prekursur ta' Ġesù terġa' lura ssaltan il-paċi.~~

~~P. MIKIEL CATANIA, O.F.M.~~

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## KAPITLU STRAORDINARJU TA' L-ART IMQADDSA

Fil-Kulleġġ ta' l-Art Imqaddsa ta' Nikosija, Ċipru, inżamm fil-jiem 19 ta' Ġunju — 20 ta' Lulju 1969, il-Kapitlu straordinarju ta' l-Art Imqaddsa biex jiġu mġedda r-regolamenti tal-Kustodja, kif jitolbu d-digrieti tal-Konċilju Vatikan II u l-Kostituzzjonijiet ġodda ta' l-Ordni. F'dan il-Kapitlu ħadu sehem 50 reliġjuż Franġiskan, u matulu d-delegati kellhom laqgħa mal-Beatitudni Tiegħu Mons. Makarios, President tar-Repubblika ta' Ċipru.

* * *

## RIGAL TA' QANPIENA

Il-Kustodju tat-Terra Santa, b'tifkira tal-Kapitlu straordinarju fuq imsemmi, tat b'rigal lill-Knisja Griega - Ortodossa ta' San Demetriju qanpiena mdaqqsa. Id-diskors ta' l-okkażjoni ġie magħmul bil-Grieg mir-Revdu P. P. Franzidis, O.F.M., li, fost ħwejjeġ oħra, qal: "Kull darba li nisimgħu d-daqq ta' din il-qanpiena, inħossuna magħquda magħkom u nfittxu li magħkom naqsmu l-ġrajjiet reliġjużi u familjari ta' din il-popolazzjoni".

* * *

## LAQGĦA TAL-KUMMISSARJI TAD-DINJA KOLLHA

Mis-17 sat-22 ta' Novembru 1969, inġabru f'Nazaret il-Kummissarji ta' l-Art Imqaddsa tad-dinja kollha, biex jeżaminaw fl-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II il-problemi ġodda li jinħolqu minn żmien għal żmien. Ġiet imgħarbla wkoll il-qagħda maħluqa fl-Art Imqaddsa bl-aħħar gwerra bejn l-Għarab u Iżrael. Għalkemm mistieden, ma setax imur għal din il-laqgħa l-Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa ta' Malta, ir-Rev. P. Lettur Nikola Magro, O.F.M., għax kien marid serjament, marda li, kif ħabbarna fil-ħarġa ta' Jannar li għadda, wasslitu għall-qabar. Filwaqt li nitolbu lill-qarrejja biex jiftakru f'ruħu, inħajruhom ukoll biex ma jinsewx fit-talb tagħhom il-ħtiġijiet ta' l-Art Imqaddsa.